

(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249, b'mod partikolari l-Artikolu 1a tagħha), tad-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Mejju 2000, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill [73]/239/KEE u 88/357/KEE (Ir-Raba' Direttiva dwar assigurazzjoni għall-vetturi) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 331) u tad-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 72/166/KEE, 84/5/KEE, 88/357/KEE u 90/232/KEE u d-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 149, p. 14) — Dispożizzjonijiet nazzjonali li jippermettu l-esklużjoni jew il-limitazzjoni tad-dritt tal-vittma għal kumpens f'każ ta' aċċident fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-kontribuzzjoni tagħha għad-dannu li ġarrbet hija stess — Aċċident bejn vettura bil-mutur u ċiklist ikkawżat minn dan tal-aħħar.

### Dispożittiv

*Id-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, id-Direttiva 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, u t-Tielet Direttiva Tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-dritt ta' responsabbiltà ċivili li jippermettu l-esklużjoni jew il-limitazzjoni tad-dritt tal-vittma f'każ ta' aċċident milli titlob kumpens għad-danni abbażi tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili tal-vettura bil-mutur involuta fl-inċident, abbażi ta' evalwazzjoni individwali tal-kontribut esklussiv jew parzjal ta' din il-vittma għad-dannu tagħha stess.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 138, 12.5.2012.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Mejju 2013 — Volkswagen AG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Suzuki Motor Corp.**

(Kawża C-260/12 P) (<sup>1</sup>)

*(Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark verbali Swift GTi — Oppożizzjoni mill-proprjetarju tat-trade marks verbali nazzjonali u internazzjonali GTI — Irtirar tal-oppożizzjoni — Appell li ma għadx għandu skop — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)*

(2013/C 225/75)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Appellanti: Volkswagen AG (rappreżentant: S. Risthaus, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent), Suzuki Motor Corp*

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Marzu 2012, VOLKSWAGEN vs UASI — SUZUKI MOTOR (SWIFT GTi) (T-63/09), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Diċembru 2008 (Każ R 749/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Volkswagen AG u Suzuki Motor Corp. — Sinjal verbali SWIFT GTi — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark verbali GTi — Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)

### Dispożittiv

(1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq l-appell.

(2) Volkswagen AG hija kkundannata għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

(<sup>1</sup>) ĠU C 227, 28.7.2012.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Mejju 2013 — Cadila Healthcare Ltd vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Novartis AG**

(Kawża C-268/12 P) (<sup>1</sup>)

*(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Probabbiltà ta' konfużjoni — Trade mark verbali ZYDUS — Oppożizzjoni tal-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja ZIMBUS — Rifjut parzjali tar-reġistrazzjoni mill-Bord tal-Appell tal-UASI)*

(2013/C 225/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Cadila Healthcare Ltd (rappreżentant: S. Malynicz, barrister)

*Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent), Novartis AG (rappreżentant: N. Hebeis, avukat)*